MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru. 520/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**JOSEPH GRECH**

**(ID: 584082M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH GRECH** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 584082(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer cioe' gewwa Vjal l-Indipendenza, il-Mosta, Malta nhar it-23 t'April, 2011 ghal habta tal-ghaxra u kwart ta' filghodu (10.15hrs) waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBY515:

(1) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAL 669 ghad-detriment ta' Marc Schembri.

(2) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marc Schembri skond ma' ccertifika Dr Ben Moussa Imed M.D. reg no: 5270 mill-isptar Mater Dei.

(3) Akkuzat ukoll talli naqas li jipprovdi lill-pulizija l-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBY515 fi zmien stipulat bil-ligi meta gie ordnat biex jaghmel dan mill-pulizija.

(4) Kif ukoll naqas li jipprovdi lill-pulizija l-licenzja tas-sewqan sabiex isuq l-istess vettura fi zmien stipulat bil-ligi meta gie ordnat biex jaghmel dan mill-pulizija.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex jigi skwalifikat l-licenzja/i tas-sewqan.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. JB1 a fol. 5, fedina penali mmarkata bhala Dok. JB2 a fol. 6 et seq. u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Mejju, 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. JB3 li jinsab a fol. 10 tal-process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Illi nhar is-27 ta' Settembru, 2012 xehed **Stephen Cachia** u spjega li huwa qed jixhed in rapprezentanza ta' Transport Malta. Huwa gie mitlub jaghmel ricerka fuq vettura bin-numru EBI 515 u mir-ricerka li ghamel jirrizulta li l-vettura hija Bedford Route Bus. Din il-vettura kienet registrata fuq Joseph Grech mis-26 ta' Frar, tas-sena elfejn u wiehed (2001) sal-4 ta' Ottubru, elfejn u hdax (2011). Gie wkoll mitlub jghid jekk il-licenzja ta' din l-istess vettura kienetx imhallsa u wiegeb fl-affermattiv. Gie wkoll mitlub jaghmel ricerka fuq il-licenzja tas-sewqan ta' Joseph Grech u mir-ricerka li ghamel jirrizulta li Joseph Grech kellu l-licenzja tas-sewqan u t-*tag* mahruga minn Transport Malta biex isuq ir-Route Bus biss, il-licenzja tas-sewqan pero' kienet skadiet fit-3 ta' Marzu, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Ipprezenta d-dokumentazzjoni li ghadu kif xehed dwarha u din giet immarkata bhala Dok. SC1.

Mistoqsi jispjega x'ried jghid li l-licenzja tas-sewqan ta' Joseph Grech kienet skaduta fisser li huwa kellu licenzja tas-sewqan valida mahruga

skond il-kategorija D *plus* li kellu t-*tag*, pero' l-licenzja ma kinitx giet rinnovata.

Illi nhar is-27 ta' Settembru, 2012 xehed **Mark Schembri** u spjega li dan kien qieghed ghaddej mill-Mosta u kien ser javvicina t-*traffic lights*. Mitlub jispjega fejn il-Mosta, huwa spjega li gol-vjal Indipendenza, Mosta fejn hemm ix-*showroom* tas-Subaru. Jghid li kien ghaddej u appena wasal ma' genb it-*traffic lights* dawn kienu homor. Ikkonferma li kien waqaf hemmhekk. Ftit sekondi wara qala' mit-*traffic lights* ghax kienu qalbu u mbaghad ma jiftakarx dak il-hin ezatt ghax qala' daqqa kbira minn wara u ftit sekondi wara jiftakar li hu gie f'sensih. Il-karozza kienet qisha miexja wahedha u x-xhud kellu ugiegh kbir go wiccu. Kif induna x'gara gibed il-*hand break*, waqaf fejn kien u hareg mill-karozza. Kellu d-demm niezel f'wiccu u jghid li kien qala' daqqa minn wara. Huwa spjega li mbaghad hareg mill-karozza u gew xi nies jghinuh. Jghid li kien hemm ragel li mar ghandu jahdem bhala *teacher* u qallu li kien ra l-accident. Dan l-accident kien gara quddiem il-bieb tieghu forsi xi mitt metru 'l boghod u kien ra kollox. Din il-persuna wkoll marret tghinu fost nies ohra. Sadanittant induna li kienet karozza tal-linja li dahlet go fih minn wara. Imbaghad ftit wara forsi kwarta wara , ix-xuffier nizel minn fuq tal-linja u jiftakar li qallu *"x'ghamilt hemmhekk mela qed tiggennen*" xi haga hekk qallu u allega li huwa rriversja go fih u li kellu l-mobile f'idejh. Imbaghad giet l-ambulanza u hadet lix-xhud lejn l-isptar.

Mistoqsi mill-Qorti jekk hux minnu li x-xhud irriversja go fih u kellu l-mobile f'idu jghid li ma kien veru xejn. Huwa spjega li mar l-isptar, rah tabib u ralu mniehru. Mistoqsi jekk ghandux certifikat mediku tal-isptar

huwa spjega li ghandu pero' ma kienx qieghed fuqu. Mistoqsi jispjega dwar jekk kellux il-hsarat fil-vettura jghid li l-vettura giet skrapjata ghax kellha hsara kbira. Mistoqsi jekk ghandux dokumentazzjoni tal-*insurance* dwarha jghid li iva suppost kollox ghandu.

Mistoqsi jekk bejn wiehed u iehor jiftakarx meta gara dan l-incident wiegeb li sehh fit-23 ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011). Mistoqsi jekk hu baqghalux xi problemi minhabba l-griehi li kien sofra f'dak l-incident spjega li ghandu farrett fuq imniehru u kellu ghadma li giet devjata wkoll. Mistoqsi jekk hux in-naha tax-xellug ta' mniehru spjega li iva. L-imnieher m'ghadux dritt l-ghadma giet devjata u ghandu farrett fuq imniehru.

Mistoqsi jispjega izjed dwar dak li qed jghidilhom li ghadu jbghati bih spjega li minhabba d-daqqa li qala' minn wara habat wiccu mal-isteering u ghandu l-ghadma tan-nofs tal-imnieher li baqghet iddevjata u wkoll ghandu farrett fuq in-naha tax-xellug tal-imnieher li ser tibqa' marka permanenti fil-wicc.

Illi nhar is-27 ta' Settembru, 2012 xehdet **WPS 230 Anne Marie Vella** u spjegat li fit-23 t'April, elfejn u hdax (2011) ghall-habta tal-hdax u kwart (11:15) marret fuq habta bejn xarabank EBY 515 u vettura tal-ghamla Fiat bin-numru tar-registrazzjoni AAA 669. F'din il-habta kien wegga' x-xufier tal-Fiat li huwa certu Mark Schembri. Hija l-ewwel ma kelmet kien lis-sewwieq tal-Fiat u dan qalilha li huwa kien wieqaf fuq il-*lights* u giet ix-xarabank minn wara u taghtu daqqa u mbuttatu erbghin (40)

metru fejn eventwalment spicca fejn sabitu hi. Huwa mar l-isptar bl-ambulanza peress li kellu xi ugiegh fi mniehru.

Hija kellmet ukoll lix-xufier tax-xarabank fejn hu qalilha li kien wieqaf fuq il-*lights*, il-vettura li kien hemm quddiemu rriversjat go fih u mbaghad mal-habta x-xufier tal-vettura saq iktar il-quddiem. Jigifieri mal-habta ma baqghax fuq il-post ippanikja u saq bicca l-quddiem. Kien hemm ukoll passiggier fix-xarabank li hadet il-verzjoni tieghu wkoll fejn hu ta l-istess verzjoni bhax-xufier tax-xarabank.

Kellmet ukoll lil Franklin Bezzina. Dan Franklin huwa l-persuna li kien sejjer ghandu x-xufier tal-Fiat. Franklin joqghod go Triq Gilormu Cassar u peress li kien qed jistenna Mark Schembri barra fit-triq kellu l-vista ta' dak kollu li gara. Franklin ta l-verzjoni tieghu fejn stqarr illi hu kien ra lix-xufier tal-Fiat jieqaf fuq il-*lights* fejn ix-xarabank giet minn wara, bdiet tiskossja u habtet gol-Fiat u tefghatu 'l quddiem fl-istess triq fl-istess direzzjoni. Mistoqsija jekk l-okkorrenza ttiehditx minnha u jekk hix iffirmata minnha wiegbet fl-affermattiv u kkonfermat li ffirmatha hi wkoll. Giet mitluba tiffirma l-i*scetch* u spjegat li qed tesebixxi r-rapport tal-habta li gie mmarkat bhala Dok. AV1 u l-isketch gie mmarkat bhala Dok. AV2, filwaqt li c-certifikat mediku li esebiet ta' Mark Schembri huwa mahrug mit-tabib Dr. Ben Moussa gie mmarkat bhala Dok. AV3.

Illi nhar is-27 ta' Settembru, 2012 xehed **Luciano Baldacchino** u spjega li huwa kien passiggier fuq ix-xarabank tal-linja u spjega li kien fi triqtu lejn Bugibba. Spjega li kienu waslu l-Mosta fejn jaqsmu l-monument tal-Gwerra aktar il-gewwa fi Triq Indipendenza hemm *set traffic lights*.

Kienu ha jieqfu bil-passiggieri ghax il-passiggieri kienu daqqew il-qampiena u ra karozza gejja go fihom bir-*reverse*. Dak il-hin huwa kesah, lanqas seta' jitkellem ghax ha qatgha.

Mistoqsi fejn kien bilqieghda dak il-hin bhala passiggier spjega li quddiem ezatt, hdejn ix-xufier kwazi hdejn l-istaffa. Huwa spjega li dak li jiftakar u jghid li anke d-*driver* kellu qatgha kbira fuqu. Wara cemplu lill-pulizija bil-mobile ta' passiggier iehor li kien riekeb fuq il-bus. Safrattant kienu ghamlu hin qishom iccassati. Nizel kulhadd, u kulhadd dabbar rasu minbarra xi ftit passiggieri li baqghu fuq l-*istage* u qabdu tal-linja li kienu gejjin wara. Pero' x-xarabank tieghu ma gietx u ghalhekk inzerta baqa' hemmhekk. Mistoqsi mill-Qorti jekk jiftakarx l-ghamla jew kulur tal-vettura li allegatament irriversjat go x-xarabank jghid li ghal dak il-hin kesah. Mistoqsi jekk effettivament allura kienet il-vettura li habtet go fihom iwiegeb fl-affermattiv.

Mistoqsi jekk rax xi hsarat fuq il-wara tal-vettura jghid li wara l-habta 'l vettura mxiet distanza 'l quddiem. Dak il-hin ma kienx hemm nies fit-triq. Imbaghad wara bdew hergin mill-hanut u mid-djar wara li sehh l-incident. Jghid li fuq in-naha taghhom l-impatt ma kienx impatt kbir. Mistoqsi jekk jaghrafx lix-xuffier tal-vettura li habtet fih jghid li kien l-imputat odjern. Spjega li dak il-hin kien sejjer Bugibba s'ghand il-genituri tieghu. It-triq li jiehu hija xi haga fenominali u jiddejjaq mieghu.

Mistoqsi fejn qal li kien qieghed bilqieghda fuq ix-xarabank, huwa spjega li kien ezatt fuq quddiem, bilqieghda fuq is-*seat* ta' hdejn l-istaffa. Mistoqsi jekk kienx qed ihares il-quddiem jew kienx qieghed la

genba huwa spjega li kien qed ihares il-quddiem. Mistoqsi jekk ihares il-quddiem jigifieri setghax jara sewwa l-karozzi li kien hemm quddiem spjega li iva. Mistoqsi jekk jiftakarx x'kulur kellha din il-karozza u x'ghamla kellha spjega li ma tax kaz. Spjega li huwa persuna li jiehu hsieb l-affarijiet tieghu biss. Hu hekk imdorri u dak li ma jikkoncernax lilu ma joqghodx jifli u jaghti kaz.

Illi nhar is-16 ta' Jannar, 2013 xehed **Dr. Frank Bezzina** u spjega li dakinhar tat-23 ta' April, 2011 kellu appuntament ma' Mark Schembri sabiex jiggwidah daqsxejn fl-istudju tieghu peress li xtaq jaghmel *Masters Degree* relatat mal-*Management* u mal-*Mathematics* u peress li dik hija l-*area of expertise* tieghu. Ix-xhud kellu jiltaqa' mieghu fi Tirq Gilormu Cassar , Mosta  biex jiddiskutu daqsxejn x'inhu l-ahjar pjan ghalih ghall-futur.

Kellhom jiltaqghu fl-ghaxra ta' filghodu (10:00am), baghatlu messagg ezatt qabel ma gie, qallu ha jitlaq mid-dar issa, kienu qishom xi l-ghaxra nieqes ghoxrin (9:40) u qaghad jistennih isfel quddiem l-ufficcju tieghu. F'hin minnhom rah li kien f'Fiat Punto blu. Mistoqsi jispjega fejn qieghed l-ufficcju tieghu huwa spjega li qieghed Jude, Gilormo Cassar Street, Mosta, vicin hafna ta' fejn gara l-incident. Prattikament, rah fuq iz-*zebra crossing* wieqaf lest biex jikser lejn it-triq tieghu f'distanza vicina hafna. Dak il-hin kien hemm il-*lights* u ma setghax jaqsam. Hekk kif qalbu l-*lights* kien hemm karozzi gejjin min-naha l-ohra li lahqu hadu d-dritta tieghu u ma lahaqx ghadda.

X'hin gie ha jikser ezatt il-mument li ha jibda miexi 'l quddiem jara tal-linja gejja minn warajh u tieqaf f'zewg skossi. Hekk kif waqfet ezatt, din waqfet ezatt mieghu u hu tar il-quddiem. Huwa ovvjament mar jigri ha jara x'gara, sab lil Mark b'hafna demm, hiereg minn  imniehru. Dak il-hin kien stordut totalment, prova jiftah il-bieba tan-naha l-ohra u hemmhekk quddiem fil-bieba kien hemm il-kartiera kif ukoll il-*mobile* fuq is-*seat*. Imbaghad ovvjament ippruvaw jaghmlu dak li setghu.

Mistoqsi jekk hux qed jikkonferma li l-karozza ta' Mark kienet wieqfa fit-*traffic lights* qabel ma sehh l-incident iwiegeb li hekk kienet, ezatt quddiem it-*traffic lights*. Mistoqsi jekk ix-xarabank ta' wara l-Fiat Punto kinitx wieqfa  meta qalghat id-daqqa kkonferma li kienet wieqfa u ra x-xarabank gejja minn warajh tipprova tieqaf. Jghid il hadet zewg skossi, u mat-tieni skoss laqtitu u hu tar il-quddiem. Hu jahseb li Schembri kien ga dahhal il-*gear* biex jikser ghan-naha tieghu.

Mistoqsi jekk f'xi hin kellimx lix-xufier tax-xarabank huwa spjega li iva, wara li ra lil Mark ferut mar fuq ix-xufier u qallu dan id-diskors, qallu li seta' nizel halli jara ghall-inqas weggghax mhux jibqa' hemmhekk. Wara sar jaf li f'habta, xufier ta' xarabank irid jibqa' fil-karozza biex jara li n-nies tax-xarabank ma jkunux weggghu. Jghid li fuq il-post sema lil xi hadd jallega li Schembri kien irriversja fix-xarabank waqt li kien fuq il-mobile pero' huwa hass li kellu jintervjeni ghaliex huwa kien ra verzjoni differenti. Filfatt kien kellem lill-pulizija ghaliex xtaq jaghtihom ismu sabiex jirrapporta dak li kien ra. Mistoqsi jekk hu jaghrafx lix-xufier huwa ndika lill-imputat.

Illi nhar l-20 ta' Novembru, 2013 rega' xehed **Dr. Frank Bezzina** u gie mitlub jispjega precizament fejn kienet il-karrozza tas-Sur Schembri meta sar l-impatt u spjega li kienet quddiem it-*traffic lights*, il-*bus* kienet qed toqrob lejh minn wara. Mistoqsi jispjega biss fejn kienet il-karrozza tas-Sur Schembri jekk kinitx wieqfa u jekk hu jikkonfermax li kienet wieqfa quddiem it-*traffic lights* huwa spjega li kienet ezatt qed titlaq u kif ha titlaq minn mat-*traffic lights* qalghat id-daqqa minn wara mix-xarabank. Mitlub jispjega fejn kien dak il-hin tal-incident spjega li kien ezatt fuq barra tal-fond imsejjah 'St. Jude', fi Triq Gilormu Cassar, Mosta. Mistoqsi jekk hu kellux jiltaqa' mas-Sur Schembri gewwa Gilormu Cassar Street wiegeb li iva. Mistoqsi jekk dak il-hin kienx hemmhekk gewwa Triq Gilormu Cassar jew kienx x'imkien iehor spjega li kien proprju hemmhekk u kien qed jistenna lil Schembri isfel fit-triq.

Muri l-isketch tal-incident illi esebew il-Pulizija u gie mitlub jindika fuqu ezattament fejn kien hu dak il-hin u ma' liema naha tat-triq spjega li l-*location* hija ezattament quddiem il-bieb tal-fond 'St. Jude', Triq Gilormu Cassar , Mosta u mmarka l-post bl-ittra " X". Mistoqsi jekk hu bil-gurament tieghu kienx cert li kienet il-karozza tas-Sur Grech illi dahlet gol-karozza tas-Sur Schembri, spjega li kien cert minn dan u jghid ukoll ghal darb'ohra li s-Sur Grech baqa' fix-xarabank tieghu, u kien skanta kif ma harigx biex jara x'gara minn Mark.

Mistoqsi x'kienet il-htiega tieghu illi joqghod jidhol f'incident illi hu kien biss xhud tieghu, qalilhom li hass il-bzonn li jghid lill-pulizija li kien ra l-incident. Mistoqsi jekk hu jafx lill-vittma jghid li jafu u li in effetti dakinhar kien qed jistenna lilu.

Illi nhar is-17 ta’ Lulju, 2013 xehed **Dr. Ben Moussa Imen MD** u gie muri c-certifikat mediku esebit fl-atti u mistoqsi jekk jikkonfermahx jghid li dak ic-certifikat kien hareg minnu u gharaf il-firma tieghu. Mitlub jispjega l-vittma min kien, x’*injuries* garrab u x’ikkawzaw dawn l-*injuries* jghid li dak iz-zmien huwa kien jahdem bhala Houseman gol-ENT Ward u hemmhekk jaraw il-*casualties* tal-ENT direttament. Jghid li fil-fatt kien hu li ezamina l-ewwel lil Mark u dan fit-23 ta’ April, 2011. Jispjega li ghalkemm ic-certifikat huwa datat 25 ta’ *April* jikkonferma li kien rah fit-23 ta’ *April*.

Meta Schembri dahal il-*casualty* kien irregistrat ghall-habta ta’ 10:43 tat-23 ta’ April, 2001 u skond ma intqal lilu Schembri kien go vettura li kienet involuta f’accident tat-traffiku. Jghid li fil-habta Schembri laqat imniehru mal-isteering *wheel* u kellu *a lacerated contused wound* ta’ zewg centimetri fuq in-naha tax-xellug tal-imnieher u ghalhekk kien ghamillu *sterile strips* li jintuzaw minflok punti fuq l-imnieher. Spjega li hariglu certifikat fejn indika l-feriti bhala *grievious* ghax kellu *lacero contused would over the face*. Mistoqsi jekk kellux xi okkazjoni li jerga’ jara lil Schembri wara dik l-okkazjoni spjega li bhala *follow up* ma regghax rah izda kien inzertah f’xi Qorti ohra. Mistoqsi jekk rahx medikament, spjega li medikament kien rah darba biss u ma kellux bzonn *follow up.*

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami gie mistoqsi jekk tali ferita li subixxa Schembri setghetx tigi necessarjament kagunat b’daqqa li taqla’ daqqa minn wara spjega li l-ferita li ghandu Schembri hija *a*

*laceral contused wound* u tista' tiggarrab billi *an object hits the face*, jigifieri jekk hux hu resaq il-quddiem jew xi haga laqtitu ma jistghax jghid.

Illi nhar id-9 ta' Mejju, 2014 xehed l-imputat **Joseph Grech** minn jeddu u b'mod volontarju u spjega li jiftakar illi huwa kien qed isuq il-vettura tieghu xarabank waqt li kien ghaddej fi Triq Vjal l-Indipendenza diehel lejn il-Mosta proprju fejn hemm ix-*showroom* tas-Subaru. Kien lahaq qabez ix-*showroom* u fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm *bus stop* u ma' genb din il-*bus stop* hemm ukoll il-*lights*. Fil-fatt spjega li lahaq qabez il-*lights*. Quddiemu kien hemm karozza li xtaqet iddur lejn il-lemin taghha.

Jghid li s-sewwieq ta' quddiemu kien lahaq qabez din it-triq li xtaq jidhol fiha u allura kien gej b'lura. Fix-xarabank mieghu kellu l-passiggieri. Fil-fatt irriversja u baqa' diehel go fih. Mistoqsi mill-Qorti min effettivament wegga' f'dan l-incident spjega li kien is-sewwieq tal-karozza li kien quddiemu. Spjega li fil-karozza ta' quddiemu s-sewwieq kien qieghed wahdu. Spjega li x-xhud li xehed f'dawn il-proceduri fil-fatt irrizulta li kien qieghed go *side street* u qal li kien qed jistenna lil dan Mark Schembri d-*driver*. Pero' minn fejn kien mis-*side street* ma setghax jara l-incident isehh.

Illi nhar is-17 ta' Ottubru, 2014 xehed **Luciano Baldacchino** u spjega li hu jiftakar l-incident li sehh. Dakinhar kien fuq ix-xarabank fuq in-naha ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug tad-*driver*. Ix-xarabank in kwistjoni kienet wahda mill-antiki. Ra vettura tirriversja go fihom. Spjega illi dak

il-hin illi l-karozza rriversjat go fih, ix-xarabank kien miexi bil-mod. Ix-xarabank waqfet malli l-karozza dahlet go fiha. Il-passiggieri li kien hemm fuq ix-xarabank kollha telqu l'hemm hliefu. Spjega li fil-fatt wara li l-karozza dahlet gox-xarabank qalghat mill-ewwel u mxiet distanza l-quddiem. Spjega illi mexa tul ta' xi xarabank, ftit aktar mit-tul ta' din l-Awla. Huwa dakinhar kien rikeb ix-xarabank mill-Belt u kien sejjer lejn Bugibba bil-*bus number* kien *fourty nine* (49). Ix-xufier l-imputat jafu di vista ghax huwa jirkeb ix-xarabankijiet ta' spiss u fil-fatt jiehu qata' meta jirkeb mieghu ghaliex ix-xufier u cioe’ l-imputat isuq bil-mod. Ir-relazzjoni tieghu mal-imputat hi wahda ta' dak li jkun fis-sens bongu, grazzi u hekk. Kunfidenza qatt ma tah.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz quddiemha nhar id-19 ta’ Jannar 2015 u jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet ta’ kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-imputat u li fi ftit kliem jghid li kien l-allegat vittma li rriversja fix-xarabank misjuqa mill-imputat waqt li kien stazzjonat fuq it-*traffic lights* ta’ Triq Gilormo Cassar, Mosta u dik esposta mill-Prosekuzzjoni kif allegatament kien irrapporta l-vittma Mark Schembri li jghid li kien l-allegat vittma li rriversja go fih wara li kien ghadda t-triq fuq in-naha tax-xellug li xtaq idur maghha. Ghalhekk m’hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza li l-imputat kien konsistenti fil-verzjoni moghtija minnu.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti mhix f'posizzjoni vantaggjuza daqs Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija m'ghexietx il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk mhix f'pozizzjoni ideali sabiex tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Jinghad pero' li kemm l-allegat vittma kif ukoll l-imputat iddeponew quddiem din il-Qorti fil-vesti taghha fuq imsemmija.

Huwa minnu, kif donnu gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt.*

*Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid illi pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-

grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abdel Kaader'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' ***[1952] AC 480, 489***:

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputat.

Illi fil-kaz in ezami l-allegat vittma Mark Schembri huwa kkorroborat mix-xhud Dr. Frank Bezzina li jghid li huwa kien fi Triq Gilormu Cassar,

Mosta jistenna lil Schembri jmur sa hdejh sabeix jiddiskutu xi studji li Schmebri xtaq isegwi. Jidher ghalhekk skond Bezzina li huwa kien xhud ta’ dak li sehh peress li huwa seta facilment jara dak li kien gara stante li sehh fil-vicinanzi ta’ fejn kien. Jghid li huwa ra lil Mark Schembri li kien wieqaf fuq it-*traffic lights* u in segwitu ra x-xarabank misjuqa mill-imputat gejja minn warajh u tibqa’ sejra go fih. Mistoqsi jekk setghax kien il-kaz li Schembri fil-fatt irriversja lura sabiex idur ghal triq sekondarja u mhux li l-imputat baqa’ diehel go fih jghid li zgur li mhux il-kaz. Jghid li appena sehh l-incident huwa mar fuq il-post u ra li s-sewwieq tax-xarabank ma nizilx u baqa’ fuq ix-xarabank. Jaf ukoll li Schembri ttiehed lejn l-isptar bl-ambulanza u dan ghaliex kellu xi feriti fuq wiccu, u kellu d-demm niezel minn imniehru.

L-imputat li sa certu punt huwa korroborat minn Luciano Busuttil fejn jghid li huwa kien qed isuq wara l-Fiat Punto misjuqa minn Schembri meta f’dqqa u l-hin dan Schembri nduna li kien qabez it-triq sekondarja min fejn xtaq jghaddi u ghalhekk irriversja ghal go fih.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-process u nnotat li kemm Schembri kif ukoll l-imputat kienu konsistenti f’dak li qalu l-Qorti tant li regghu rrepetew dak li kienu qalu lill-Ufficcjal Investigattiv fil-mument tal-investigazzjoni ta’ dan l-incident awtomobilistiku. Qed issir referenza ghall-okkorrenza mmarkata bhala Dok. AV1 esebita fl-atti a fol 28 et seq mehuda minn WPS 230 Anna Marie Vella. Illi pero’ naturalment wahda minn dawn il-verzjonijiet hija l-korretta.

Il-Qorti rat li l-habta kient fil-parti ta’ wara tal-vettura tal-Fiat Punto u kienet wahda eccessiva u ghalhekk m’huwiex probabbli li kieku Schembri kellu jirriversja kien ser ikollu dawn il-hsarat kollha. Huwa aktar probabbli li kienet ix-xarabank li kienet gejja u baqghet diehla fil-vettura u kkagunat il-hsara hemm indikata. Inoltre jidher li l-feriti sofferti minn Schembri kienu fuq imniehru u ghalhekk wisq probabbli dawn gew kagunati meta bl-impatt minn wara huwa baqa’ diehel fit-tieqa (*windscreen*) ta’ quddiemu. Kieku Schembri rriversja u qala’ d-daqqa b’lura l-probabilita’ hi li l-feriti kienu jkunu fuq rasu fuq wara u mhux fuq quddiem ta’ wiccu. Inoltre wkoll ix-xarabank kien ikollha xi hsarat ukoll u mhux biss ikun hemm hsara estensiva fuq il-vettura.

Il-Qorti thoss li x-xhieda mghotija minn Schembri hija veritiera u ghandha aktar mis-sewwa.

Dwar il-feriti subiti minn Mark Schembri m’hemmx dubju li jirrizulta li dawn huma ta’ natura gravi kif iddeskriva Dr Ben Moussa Imed fic-certifikat mediku tieghu rilaxxjat nhar il-25 ta’ April 2011 esebit fl-atti a fol. 37 liema feriti ma gew qatt kontestati mid-difiza.

Ghalhekk l-akkuza li kkaguna hsarat fuq il-vettura tal-ghamla Fiat bin-numru ta’ registrazzjoni AAL 669 kif ukoll li kkaguna feriti nvolontarji ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mark Schembri jirrizultaw provati.

Dwar it-tielet u r-raba' akkuza l-Qorti tinnota li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiza ma qalu xejn dwarhom fix-xhieda taghhom u ghalhekk ma jirrizultawx provati.

Dwar il-piena din il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti a fol 6 et seq markata bhala Dok. JB2 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat diga kiser duffrejh mal-ligi diversi drabi u nstab hati minn dawn il-Qrati f'xejn inqas minn erbatax-il kaz u dan f'perjodu mis-sena elf disgha mija u disgha u tmenin (1989) sas-sena elfejn u tmienja (2008) u dan fil-maggor parti kbira taghhom in konnessjoni ma' reati bi ksur ta' l-Ordinanza tat-Traffiku ghalkemm hemm reat koness ma' ksur mal-ligijiet tal-VAT fejn l-imputat gie kkundannat ihallas multi u kien hemm okkazjonijiet meta' inghata *probation.*

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u Artikolu 14 tal-Avviz Legali 476/04 u tiddeciedi li ssib lill-imputat JOSEPH GRECH hati tal-ewwel zewg akkuzi u tikkundannah mitejn u hamsin ewro (€250) multa u mhux hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza u tilliberah minnhom.**

**Oltre dan tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' xahar mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------